



**Covenant of Mayors**  
for Climate & Energy  
EUROPE

# **Linji Gwida għar-Rapportar dwar il-Faqar Enerġetiku**

Mejju 2022

## I. INTRODUZZJONI

L-[impenn](#) tal-firmatarji Ewropej jiddefinixxi l-viżjoni li sal-2050, aħna kollha se nkunu qed ngħixu fi bliet dekarbonizzati u reżiljenti b'aċċess għal enerġija affordabbli, sikura u sostenibbli. Bħala parti mill-moviment tal-Patt tas-Sindki - Ewropa, il-firmatarji jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw il-faqar enerġetiku bħala azzjoni prinċipali biex jiżguraw tranżizzjoni ġusta.

Sabiex jappoġġja l-firmatarji fl-isforzi tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tagħhom dwar il-faqar enerġetiku, l-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki, f'kooperazzjoni ma' [Ċentru Konġunt tar-Riċerka](#) (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea u [Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku](#) (EPAH), u permezz tal-ingaġġ ta' firxa wiesgħa ta' prattikanti, żviluppa l-pilastru tal-faqar enerġetiku tal-qafas dwar ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-PtS - Ewropa. Il-qafas ġie kkonsultat ma' grupp ta' prattikanti mill-ibliet li jaħdmu fuq il-faqar enerġetiku. Il-pilastru huwa allinjat ukoll mar-rakkomandazzjonijiet tal-[Patt tas-Sindki Globali](#).

L-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki tal-Ewropa qed jikkollabora mill-qrib mal-EPAH - l-inizjattiva ewlenija tal-UE dwar il-faqar enerġetiku. L-EPAH jipprovdi firxa wiesgħa ta' appoġġ prattiku u għall-bini tal-kapaċitajiet lill-awtoritajiet lokali madwar l-Ewropa, inkluż permezz ta' Helpdesk dwar il-Faqar Enerġetiku dedikat<sup>1</sup>. Il-firmatarji tal-Patt huma mħeġġin jikkonsultaw il-materjali tal-għarfien żviluppatti mill-EPAH u li jikkuntattjaw il-Helpdesk tagħhom f'mod parallel għall-użu tal-qafas tal-Patt dwar il-faqar enerġetiku. Aktar tagħrif dwar l-appoġġ iprovdut mill-EPAH jinsab fit-Taqsima III ta' dawn il-linji gwida.

## II. IL-PILASTRU TAL-FAQAR ENERĠETIKU FIL-QAFAS TAL-PATT-EWROPA

Il-pilastru tal-faqar enerġetiku fil-qafas dwar ir-rapportar u l-monitoraġġ tal-Patt - Ewropa jservi bħala strument għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-miżuri dwar il-faqar enerġetiku. Dan huwa flessibbli sabiex jippermetti li jiġu servuti l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi lokali differenti tal-firmatarji. Il-pilastru dwar il-faqar enerġetiku ta' PtS-Ewropa jikkonsisti minn: (i) għan; (ii) valutazzjoni; (iii) azzjonijiet.

Sabiex jingħata biżżejjed żmien għall-ippjanar, se jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni sal-aħħar tal-2024.

Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni mhux se jkun hemm rekwiżiti ta' rapportar tad-*data* obbligatorju għall-firmatarji.

Id-*data* li se ssir obbligatorja wara t-tmien tal-perjodu ta' tranżizzjoni se tkun immarkata bl-isfar f'MyCovenant flimkien ma' dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà dwar l-applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

### Għan


<sup>1</sup> Sir af iktar dwar il-Helpdesk dwar il-Faqar Enerġetiku ([info@energypoverty.eu](mailto:info@energypoverty.eu)) fuq [https://energy-poverty.ec.europa.eu/get-support/helpdesk\\_en](https://energy-poverty.ec.europa.eu/get-support/helpdesk_en).

L-għan dwar il-faqar enerġetiku f'*MyCovenant* jidher taħt **L-istrateġija tiegħi** fis-Sezzjoni tar-Rapportar >

Energy poverty		
Goal	Target year	Base year
Tackle energy poverty by [select target year] to ensure a just transition.	2022	1990

tab tan-navigazzjoni **L-istrateġija tiegħi**.

Il-formulazzjoni tal-għan ġiet allinjata mat-test tad-dokument ta' impenn: li jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta. Il-firmatarji jridu jagħżlu s-sena ta' mira ta' dan l-għan u sena bażi.




Dan huwa kif l-għan dwar il-faqar enerġetiku jidher f'*MyCovenant*:

## Valutazzjoni

Il-valutazzjoni dwar il-faqar enerġetiku f'*MyCovenant* tidher taħt **L-inventarji tiegħi** fil-parti tar-Rapportar > it-tab tan-navigazzjoni **Valutazzjoni tal-Faqar Enerġetiku**.

Il-valutazzjoni fiha lista ta' iktar minn 20 indikatur, miġbura flimkien f'sitt makrosetturi: faċilitajiet/akkomodazzjoni, mobilità, aspetti soċjoekonomiċi, qafas ta' politika u regulatorju, parteċipazzjoni u sensibilizzazzjoni. Hemm definizzjoni ġenerika inkluża għal kull indikatur, viżibbli meta tmexxi l-maws fuq is-simbolu ⓘ, flimkien mal-unità għall-indikatur.

L-indikaturi fil-pilastru tal-faqar enerġetiku ġew miġbura u żviluppatti aktar permezz ta' sensiela ta' skambji ma' Prattikanti mill-ibliet u sħab (JRC, EPAH u l-predeċessur tiegħu l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku), il-Eurostat, minn sorsi akkademiċi u metodoloġiji disponibbli differenti.



Macro-area	Used indicator(s)	Unit	Households /Persons	Base year	Current level	Use for monitoring	Target level
Climate	Frequency of heat waves ❶	Average per monthly/year		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Frequency of cold waves ❶	Average per monthly/year		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Number of heating degree days per year ❶	Number of HDD and CDD /year		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Number of cooling degree days per year ❶	Number of HDD and CDD /year		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
Facilities / housing	FtG + H band (EPC) dwelling / total number of dwelling ❶	[%]		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Energy consumption (electricity + heating) per capita / national energy consumption (electricity + heating) per capita ❶	[%]		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Share of buildings renovated per year ❶	[%]		1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Share of households / population with presence of leak, damp, rot in their dwelling / total households or population ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Percentage of households / persons within the municipality experiencing heating discomfort ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Percentage of households / persons within the municipality experiencing cooling discomfort ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Households / persons connected to the electricity grid / total households or persons ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Households / persons connected to the gas grid / total households or persons ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
Mobility	Population / households not having access to essential services within 1 hour by walking, cycling or public transport / total population ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	People / households living more than one 1 km from nearest public transport station / number of population ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
Socio-economic	Percentage of persons / households spending up to 10% of their income on energy services ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	NE ▾
	Vulnerable households or persons / total households or persons ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Arrears on utility bills / total population or households ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Inability to keep home adequately warm ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Inability to keep home adequately cool ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	High share of energy expenditure in income (ZNI) ❶	[%]	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
Policy and regulatory framework	Existence of energy poverty strategy ❶	Yes / No	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Existing rent regulation ❶	Yes / No	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
Participation / awareness-raising	Awareness-raising campaigns targeting vulnerable households ❶	Yes / No	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	
	Engagement and cooperation with local stakeholders on energy poverty ❶	Yes / No	Households ▾	1990 ▾	NE ▾	<input type="checkbox"/>	

### Il-firmatarji huma m'heggin jużaw **I-indikaturi kollha li jsibu rilevanti.**

Indikatur wieħed - Il-perċentwal tal-popolazzjoni jew unitajiet domestiċi li jonfqu sa *[speċifika l-valur]* % tad-dħul tagħhom fuq is-servizzi tal-enerġija (mmarkati bl-isfar f' MyCovenant) u marbut mal-qafas ta' rapportar ta' GCoM se jsir obligatorju biex jitlesta qabel it-tmiem tal-perjodu ta'

Għall-indikatur(i) li I-firmatarju sabu rilevanti, iridu jiġu pprovduti l-valuri li ġejjin:

- Selezżjoni jekk I-indikatur japplika għall-unitajiet domestiċi jew il-persuni (jekk applikabbli);
- Sena bażi, mil-lista li tinżel;
- Il-livell kurrenti, mid-drop-down menu (jekk applikabbli); bħala default jintwera t-tast tan-notazzjoni "NE" (mhux stmat).

Hemm ukoll il-possibbiltà li tagħżel jekk I-indikatur li għalih tiġi pprovduta d-*data* se jintuża għall-monitoraġġ (billi timmarka l-kaxxa tal-monitoraġġ). Fil-każ li l-kaxxa tal-monitoraġġ tiġi mmarkata, fil-perjodu ta' monitoraġġ li jmiss, il-firmatarju jrid jimla' l-"Livell ta' mira" sottomess. Dan se jippermetti r-rintraċċar tal-progress maż-żmien u li jitqabbel mas-sena bażi magħżula fil-bidu.

Dan huwa kif il-valutazzjoni tal-faqar enerġetiku tidher f' *MyCovenant*:

L-indikaturi li jidhru b'ħala default fil-valutazzjoni tal-faqar enerġetiku ġew meqjusin applikabbli b'mod wiesa'. Madankollu, matul il-proċess ta' żvilupp tal-indikaturi, ħarġet ġabra ferm usa' ta' indikaturi. Għalhekk, huwa possibbli li tagħżel indikaturi addizzjonali minn drop-down menu. Ladarba jintgħażel, l-indikatur addizzjonali se jiġi miżjud mal-valutazzjoni u l-valuri differenti deskritti hawn fuq jistgħu jintgħażlu.

Il-lista kompluta tal-indikaturi tinsab fl-anness għal dawn il-linji gwida.

#### Add another indicator

Choose one indicator to add


Kwalunkwe kumment u noti li jikkonċernaw il-valutazzjoni u l-indikaturi użati jistgħu jiġu inklużi fis-sezzjoni tal-Kummenti.

#### Comments

▼ (click the arrow to expand or collapse)

700 characters left

## Azzjonijiet



L-azzjonijiet dwar il-faqar enerġetiku f' *MyCovenant* jidhru taħt **L-azzjonijiet tiegħi** fis-Sezzjoni tar-Rapportar > tabs tan-navigazzjoni **Ħarsa Ġenerali tal-Azzjonijiet Tiegħi** u **Dettalji tal-Azzjonijiet**.

Fit-tab “Ħarsa Ġenerali tal-Azzjonijiet Tiegħi”, il-firmatarju jrid jindika biss in-numru xieraq ta’ azzjonijiet inklużi fid-dokument tal-pjan ta’ azzjoni, għal kull makrosettur. Fl-istadju ta’ monitoraġġ, jidhru l-kampijiet tal-istatus ta’ implimentazzjoni tal-azzjoni.

Dan huwa kif tidher il-ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet tal-valutazzjoni tal-faqar enerġetiku f' *MyCovenant*:

Energy poverty macro areas	Number of actions included in the plan	Action plan implementation status				
		Completed	On-going	Postponed	Not-started	Sum
		%	%	%	%	%
Climate						0.00
Facilities / housing						0.00
Mobility						0.00
Policy and regulatory framework						0.00
Participation / awareness-raising						0.00
Socio-economic aspects <sup>1</sup>						0.00
<b>Total</b>	0.00					

Meta joħloq azzjoni individwali fit-tab tan-navigazzjoni “Dettalji tal-Azzjonijiet” (permezz tal-buttuna “Żid azzjoni ġdida”), il-firmatarju jrid jimla l-informazzjoni ġenerika għall-azzjonijiet li japplikaw għal kwalunkwe tip ta’ azzjoni irrispettivament minn jekk tkunx immarkata bħala mitigazzjoni, adattament jew faqar enerġetiku (eż. titolu, oriġini, korp responsabbli, deskrizzjoni, status ta’ implimentazzjoni, eċċ.).

Meta azzjoni tiġi mmarkata speċifikament bħala azzjoni dwar il-“Faqar enerġetiku”, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni speċifika għall-faqar enerġetiku li ġejja:

- Il-makrosettur(i) li l-azzjoni tindirizza;
- Il-grupp(i) tal-popolazzjoni vulnerabbli fil-mira;
- Ir-riżultat(i) mil-ħuqa, inkluż indikatur.

**Action detail**

Type of action

Mitigation

Adaptation

Energy poverty

Dan huwa kif jidhru d-dettalji tal-azzjonijiet speċifiċi għall-faqar enerġetiku f' *MyCovenant*:

Macro area(s)	
Climate	<input type="checkbox"/>
Socio-economic aspects <sup>1</sup>	<input type="checkbox"/>
Facilities / housing	<input type="checkbox"/>
Mobility	<input type="checkbox"/>
Policy and regulatory framework	<input type="checkbox"/>
Participation / awareness-raising	<input type="checkbox"/>

Vulnerable population group(s) targeted	
Women and girls	<input type="checkbox"/>
Children	<input type="checkbox"/>
Youth	<input type="checkbox"/>
Elderly	<input type="checkbox"/>
Marginalized groups	<input type="checkbox"/>
Persons with disabilities	<input type="checkbox"/>
Persons with chronic diseases	<input type="checkbox"/>
Low-income households	<input type="checkbox"/>
Unemployed persons	<input type="checkbox"/>
Persons living in sub-standard housing	<input type="checkbox"/>
Migrants and displaced people	<input type="checkbox"/>
Other	<input type="checkbox"/>
All	<input type="checkbox"/>

Outcome(s) reached

Description


Outcome reached indicator

Specify indicator

Specify value

Specify unit

### III. APPOĠĠ GĦALL-FIRMATARJI DWAR IL-FAQAR ENERĠETIKU



**EU**  
**Energy Poverty**  
**Advisory Hub**




Permezz tal-EPAH, l-awtoritajiet lokali jistgħu:

Iċ-[Ċentru ta' Konsulenza għall-Faqar Enerġetiku \(EPAH\)](#) huwa l-inizjattiva ewlenija tal-UE li għandu l-għan li jeradika l-faqar enerġetiku u jaċċellera t-tranżizzjoni tal-enerġija ġusta tal-gvernijiet lokali Ewropej.

Il-missjoni tiegħu huwa li jkun iċ-ċentru tal-għarfien espert dwar il-faqar enerġetiku fl-Ewropa għall-gvernijiet lokali u l-partijiet interessati kollha li għandhom interess jieħdu azzjoni biex jiġġieldu l-faqar enerġetiku fl-Ewropa. Sabiex dan jinkiseb, l-EPAH joffri [pjattaforma ċentrali](#) ta' għarfien espert dwar il-faqar enerġetiku fl-Ewropa għall-gvern lokali u l-partijiet interessati kollha li għandhom interess jieħdu azzjoni biex jiġġieldu l-faqar enerġetiku fl-Ewropa.

### ISPIRA RUĦEK U TGĦALLEM DWAR L-ATTIVITAJIET LOKALI

- **L-EPAH ATLAS** huwa bażi ta' *data* interattiva online biex wieħed jiskopri proġetti u miżuri lokali li jindirizzaw il-faqar enerġetiku madwar id-dinja. Inti tista' tissottometti l-proġett tiegħek stess ukoll.



- **Każijiet ta' ispirazzjoni minn madwar l-Ewropa** - disponibbli f'24 lingwa, juri sensiela ta' 24 każ ta' ispirazzjoni ta' kif il-faqar enerġetiku jista' jitnaqqas fil-livell lokali.
- **L-applikanti magħżula tas-sejħa għal assistenza teknika** juri dak li l-muniċipalitajiet qed jaħdmu fuqhom attivament issa.


## IRĊIEVI APPOĠĠ BIEX TIBDA L-APPROĊĠ LOKALI TIEGĦEK STESS

- **EPAP Handbook: A Guide to Understanding and Addressing Energy Poverty** jippreżenta l-kunċett tal-faqar enerġetiku bl-approċċi differenti li jistgħu jkunu utli biex tinkiseb stampa ġenerali tal-faqar enerġetiku fil-gvern lokali tiegħek kif ukoll l-introduzzjoni inizjali għall-metodoloġija biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.
- **EPAP Handbook 1: A Guide to Energy Poverty Diagnosis** jiffoka fuq is-seba' passi konkreti fil-fażi tad-dijanjożi, u jipprovdi deskrizzjoni dettaljata ta' kull pass. Il-handbook jgħin lill-muniċipalitajiet jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin: Hemm faqar enerġetiku fil-muniċipalitè? Fejn huwa kkonċentrat? X'inhì s-severità tas-sitwazzjoni? Minn huma daww l-aktar affettwati? X'inhuma l-fatturi determinanti l-aktar sinifikanti? X'perċezzjoni għandhom l-aġenti involuti ta' din il-problema?

### Inability to keep home adequately warm

No disaggregation - Country average

The inability to keep home adequately warm indicator represents the share of (sub-) population households not able to keep their home adequately warm, based on the question "Can your household afford to keep its home adequately warm?"



- **Il-Korsijiet online** tal-EPAP huma mingħajr ħlas u miftuħin għal kull minn huwa interessat itejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi tiegħu biex jiżviluppa l-approċċ tiegħu stess għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku.

- Is-**sejħiet miftuħin għal assistenza teknika** tal-EPAP huma miftuħin għall-gvernijiet lokali kollha interessati fit-tfassil ta' attivitajiet biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Din hija opportunità perfetta biex tirċievi appoġġ adattat għall-bżonnijiet tiegħek. It-tieni sejħa se tiġi mnedija f' Marzu 2023. Għaliex ma tapplikax?

- **Il-Helpdesk tal-EPAP** huwa disponibbli biex jassisti lill-awtoritajiet lokali bil-mistoqsijiet tagħhom dwar il-faqar enerġetiku fuq [info@energypoverty.eu](mailto:info@energypoverty.eu).

## SIR AF DWAR IL-FAQAR ENERĠETIKU U L-MITIGAZZJONI

- L-indikaturi huma strumenti prinċipali għall-kejl tal-faqar enerġetiku. Id-**dashboard tal-indikaturi nazzjonali**, ir-rapport ta' għarfien sħiħ u deskrizzjoni qasira għal kull indikatur joffru l-iktar viżwalizzazzjoni Prattika u kompluta tal-aspetti



kwantifikabbli differenti tal-livelli tal-faqar enerġetiku madwar l-Ewropa bl-użu tal-istatistika l-aktar reċenti minn madwar l-Ewropa.

- Agħti ħarsa lejn il-[pubblikazzjonijiet](#) kollha dwar il-faqar enerġetiku.

## NGĦAQAD MAN-NETWORK U INTERAĠIXXI MA' PARTIJET INTERESSATI LI JAĦSBUHA B'HALEK

- Agħti ħarsa lejn il-[kalendarju tal-EPAH](#) għall-avvenimenti nazzjonali u internazzjonali li għejjin biex tagħmel kuntatt ma' network internazzjonali u lokali ta' partijiet interessati li jaħdmu fuq il-faqar enerġetiku.
- Attendi waħda mit-[taħditiet ta' nofsinhar tal-EPAH](#) biex tiddiskuti mal-pari dwar l-isfidi differenti biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.

## ANNES

### Indikaturi tal-faqar enerġetiku

Makrosettur	Indikaturi	Deskrizzjoni	Unità
Klima	Frekwenza ta' mewġiet tas-sħana	Frekwenza ta' mewġiet tas-sħana fix-xahar f'sena	Medja fix-xahar/fis-sena
	Frekwenza ta' mewġiet tal-bard	Frekwenza ta' mewġiet tal-bard fix-xahar f'sena	Medja fix-xahar/fis-sena
	Numru ta' jiem ta' gradi tat-tiġħin kull sena	Jum ta' gradi tat-tiġħin (HDD, <i>heating degree day</i> ) huwa kejl maħsub biex jikkwantifika d-domanda għall-enerġija meħtieġa biex issaħħan binja, dan huwa bbażat fuq it-temperatura ta' barra meta t-tiġħin huwa meħtieġ.	Numru ta' HDD u CDD / sena
	Numru ta' jiem ta' gradi tat-tkessiħ kull sena	Jum ta' gradi tat-tkessiħ (CDD, <i>cooling degree day</i> ) huwa kejl maħsub biex jikkwantifika d-domanda għall-enerġija meħtieġa biex tkessaħ binja, dan huwa bbażat fuq it-temperatura ta' barra meta t-tkessiħ huwa meħtieġ.	Numru ta' HDD u CDD / sena
Faċilitajiet / akkomodazzjoni	Abitazzjoni tal-faxxa F+G + H (EPC) / numru totali ta' abitazzjonijiet	Perċentwal ta' bini b'Ċertifikazzjonijiet tal-Prestazzjoni Enerġetika tal-faxxa F, G u H fil-muniċipalità	[%]
	Konsum enerġetiku (elettriku + tiġħin) per capita / konsum enerġetiku nazzjonali (elettriku + tiġħin) per capita	Sehem tal-konsum enerġetiku per capita municipali mill-konsum enerġetiku per capita nazzjonali	[%]

Sehem ta' bini rinnovat fis-sena	Sehem ta' bini rinnovat fis-sena mill-bini totali	[%]
Sehem ta' unitajiet domestiċi / popolazzjoni bil-preżenza ta' tnixxijiet, umdità, ħsara bil-moffa fl-abitazzjoni tagħhom / unitajiet domestiċi jew popolazzjoni totali	Sehem ta' unitajiet domestiċi / popolazzjoni bil-preżenza ta' tnixxijiet, umdità, ħsara bil-moffa fl-abitazzjoni tagħhom, abbażi tal-mistoqsija "Għandek kwalunkwe mill-problemi li ġejjin fl-abitazzjoni / akkomodazzjoni tiegħek? Saqaf li jnixxi, ħitan/pavimenti/pedamenti umdi; ħsara bil-moffa fil-frames tat-twieqi jew fil-pavimenti.	[%]
Perċentwal ta' unitajiet domestiċi / persuni fil-muniċipalitè li qed ikollhom skumdità minħabba t-tiġin	Sehem ta' unitajiet domestiċi / persuni fil-muniċipalitè li qed ikollhom skumdità mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
Perċentwal ta' unitajiet domestiċi / persuni fil-muniċipalitè li qed ikollhom skumdità minħabba t-tkessiġ	Sehem ta' unitajiet domestiċi / persuni li qed ikollhom skumdità minħabba t-tkessiġ mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
Unitajiet domestiċi / persuni konnessi mal-grilja tal-elettriku / unitajiet domestiċi jew persuni totali	Sehem ta' unitajiet domestiċi / persuni konnessi mal-grilja tal-elettriku mill-unitajiet domestiċi jew persuni totali	[%]
Unitajiet domestiċi / persuni konnessi mal-grilja tal-gass / unitajiet domestiċi jew persuni totali	Sehem ta' unitajiet domestiċi / persuni konnessi mal-grilja tal-gass mill-unitajiet domestiċi jew persuni totali	[%]
Faxex EPC tal-abitazzjoni oġġla minn B	Perċentwal ta' abitazzjonijiet b'EPC oġġla minn B mill-abitazzjonijiet totali b'ċertifikat	[%]
Unitajiet domestiċi b'sistema tat-tiġin ċentralizzata / unitajiet domestiċi totali	Sehem ta' unitajiet domestiċi b'sistema tat-tiġin ċentralizzata mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
Sjieda ta' sistemi tat-tiġin u tat-tkessiġ	Sehem ta' unitajiet domestiċi b'sistemi tat-tiġin u tat-tkessiġ mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
Numru ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali / numru totali ta' appartamenti	Perċentwal ta' appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali min-numru totali ta' appartamenti	[%]
Domanda enerġetika medja tal-bini tal-akkomodazzjoni soċjali / metri kwadri	Sehem ta' domanda enerġetika tal-akkomodazzjoni soċjali mid-domanda nazzjonali medjana	[kWh/sqm]
Nfiq enerġetiku assolut baxx (M/2)	L-indikatur M/2 jippreżenta s-sehem ta' unitajiet domestiċi li l-infiq enerġetiku assolut tagħhom huwa taħt in-nofs tal-medjan nazzjonali, jew fi kliem ieħor baxx b'mod mhux normali. Dan jista' jkun minħabba standards tal-effiċjenza enerġetika għoljin, iżda jista' jkun indikattiv ukoll li l-unitajiet domestiċi qed jikkonsmaw wisq ftit enerġija M/2 huwa indikatur relattivament ġdid li ntuża fil-Belġju biex jikkumpla nfiq u indikatur awtorapporati oħra. Nota: dan l-indikatur huwa influwenzat mid-distribuzzjoni sottostanti tal-ispejjeż enerġetiċi assoluti fin-nofs iktar baxx tal-unitajiet domestiċi. Jekk	[%]

		il-medjan huwa relattivament għoli u d-distribuzzjoni taħt inugwali ħafna, l-indikatur M/2 huwa għoli	
	Numru ta' unitajiet domestiċi li għandhom biss bojlers taż-żejt, tisħin bl-injam, bojlers tal-gass konvenzjonali.	Sehem ta' unitajiet domestiċi b'bojlers taż-żejt, tisħin bl-injam, bojlers tal-gass konvenzjonali mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
	Unitajiet domestiċi b'sistema tat-tkessiĥ ċentralizzata / unitajiet domestiċi totali	Sehem ta' unitajiet domestiċi b'sistema tat-tkessiĥ ċentralizzata mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
	Unitajiet domestiċi b'sistema tat-tkessiĥ ċentralizzata eqdem minn 10 snin / unitajiet domestiċi totali b'sistema tat-tkessiĥ	Sehem ta' unitajiet domestiċi b'sistema tat-tkessiĥ ċentralizzata eqdem minn 10 snin mill-unitajiet domestiċi totali b'sistema tat-tkessiĥ ċentralizzata	[%]
	Età medja tal-bini	Età medja tal-bini għal kull perjodu ta' kostruzzjoni	Snin
	Sjieda tal-abitazzjonijiet	Perċentwal ta' unitajiet domestiċi li huma sidien tal-abitazzjoni mill-unitajiet domestiċi totali	[%]
	Okkupazzjoni żejda u nieqsa tal-abitazzjonijiet	Perċentwal ta' unitajiet domestiċi skont in-numru ta' okkupanti	[%]
	Perċentwal ta' unitajiet domestiċi / persuni fil-muniċipalitè b'aċċess għal karburanti u teknoloġiji nodfa għat-tisjir	Il-proporzjon ta' unitajiet domestiċi / persuni b'dipendenza primarja fuq karburanti u teknoloġiji nodfa huwa kkalkulat bħala n-numru ta' persuni li jużaw karburanti u teknoloġiji nodfa għat-tisjir, tisħin u tidwil diviżi bil-popolazzjoni totali li jirrapportaw kwalunkwe karburanti u teknoloġiji tat-tisjir, tisħin jew tidwil, espress bħala perċentwal. "Nodfa" hija definita mill-miri tar-rati ta' emissjoni u r-rakkomandazzjonijiet ta' karburanti speċifiċi (jiġifieri kontra faħam mhux ipproċessat u pitrolju) inklużi fil-linji gwida tal-WHO dwar l-istandards għall-kwalità tal-arja ta' ġewwa: kombustjoni tal-karburanti fl-unitajiet domestiċi.	[%]
<b>Mobilità</b>	Popolazzjoni / unitajiet domestiċi li m'għandhomx aċċess għas-servizzi essenzjali f'temp ta' siegħa bil-mixi, bir-rota jew bit-trasport pubbliku / popolazzjoni totali	Perċentwal tal-popolazzjoni / unitajiet domestiċi li m'għandhomx aċċess għas-servizzi essenzjali (spiżeriji, ħwienet tal-ikel, faċilitajiet tas-saħħa) f'temp ta' siegħa bil-mixi, bir-rota jew bit-trasport pubbliku mill-popolazzjoni totali	[%]
	Persuni / unitajiet domestiċi li jgħixu iktar minn kilometru 'l bogħod mill-eqreb stazzjon tat-trasport pubbliku / numru ta' popolazzjoni	Perċentwal ta' persuni / unitajiet domestiċi li jgħixu iktar minn kilometru 'l bogħod mill-eqreb stazzjon tat-trasport pubbliku mill-popolazzjoni totali	[%]
	It-trasport pubbliku lokali jaħdem frekwentement biżżejjed, u jkopri l-bżonnijiet essenzjali tal-popolazzjoni	Tweġiba ta' iva jew le għall-mistoqsija: "It-trasport pubbliku lokali jaħdem frekwentement biżżejjed, u jkopri l-bżonnijiet essenzjali tal-popolazzjoni"?	Iva / Le
	L-appartamenti tal-akkomodazzjoni soċjali li ma għandhomx aċċess faċli għat-trasport pubbliku (*) / l-	Perċentwal ta' unitajiet domestiċi tal-akkomodazzjoni soċjali li ma għandhomx aċċess faċli għat-trasport	[%]

	appartamenti kollha tal-akkomodazzjoni soċjali	pubbliku min-numru totali ta' akkomodazzjonijiet soċjali	
	Abitanti / unitajiet domestiċi li jirċievu appoġġ biex iħallsu s-servizzi tat-trasport pubbliku / utenti tat-trasport pubbliku	Perċentwal ta' abitanti / unitajiet domestiċi li jirċievu appoġġ biex iħallsu s-servizzi tat-trasport pubbliku mill-utenti tat-trasport pubbliku totali	[%]
<b>Aspetti soċjoekonomiċi</b>	Perċentwal ta' persuni / unitajiet domestiċi li jonfqu sa XX % tad-dħul tagħhom fuq is-servizzi enerġetiċi	Sehem ta' persuni / unitajiet domestiċi li jonfqu iktar minn perċentwal speċifiku tad-dħul tagħhom fuq is-servizzi enerġetiċi li tpoġġihom f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku	[%]
	Unitajiet domestiċi jew persuni vulnerabbli / unitajiet domestiċi jew persuni totali	[Din id-deskrizzjoni hija eżempju biss; il-muniċipalitajiet jistgħu jiddefinixxu dan waħedhom] Unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu, ġenituri b'iktar minn tlett itfal, familji bi dħul baxx, unitajiet domestiċi li jirċievu għajjnuna soċjali, familji b'livell baxx ta' edukazzjoni.	[%]
	Arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet / popolazzjoni jew unitajiet domestiċi totali	Sehem tas-(sub-)popolazzjoni / unitajiet domestiċi li għandhom l-arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet, abbażi tal-mistoqsija "F'dawn l-aħħar tnax-il xahar, l-unità domestika kellha arretrati, jiġifieri ma kenitx kapaċi tħallas fil-ħin minħabba diffikultajiet finanzjarji għall-kontijiet tal-utilitajiet (tisħin, elettriku, gass, ilma, eċċ) għall-abitazzjoni ewlenija?"	[%]
	Inkapaċità li d-dar tinżamm sħuna biżżejjed	Sehem tal-popolazzjoni / unitajiet domestiċi li ma jistgħux iżommu d-dar tagħhom sħuna biżżejjed	[%]
	Inkapaċità li d-dar tinżamm friska biżżejjed	Sehem tal-popolazzjoni / unitajiet domestiċi li ma jistgħux iżommu d-dar tagħhom friska biżżejjed	[%]
	Sehem għoli tal-infiq enerġetiku mid-dħul (2M)	L-indikatur 2M jippreżenta l-proporzjon ta' unitajiet domestiċi li s-sehem tal-infiq enerġetiku tagħhom mid-dħul huwa iktar minn darbtejn is-sehem medjan nazzjonali. Nota: fejn id-distribuzzjonijiet tad-dħul huma iktar ugwali, il-varjanza fl-infiq enerġetiku tittraduċi għal ishma 2M oġġla. Varjanza għolja fl-ishma enerġetiċi / tad-dħul tista' sseħħ minħabba differenzi strutturali fl-infiq enerġetiku bejn il-gruppi ta' unitajiet domestiċi, kif ukoll f'sitwazzjonijiet fejn l-enerġija ħafna drabi, iżda mhux esklussivament, hija inkluża fil-kera.	[%]
	Prezz medju tal-elettriku	Prezz medju f'€ tal-kwh ta' elettriku kkonsumati fl-unitajiet domestiċi muniċipali	€
	Prezz medju tal-gass	Prezz medju f'€ tal-gass ikkonsumat (m <sup>3</sup> /kwh) fl-unitajiet domestiċi muniċipali	€
	Nfiq relatat mal-enerġija / PDG lokali	Relazzjoni bejn l-ispiża enerġetika annwali tal-unitajiet domestiċi u l-PDG lokali, medja perċentwali tal-PDG lokali ddedikati għall-ispiża enerġetika	[%]

	Ċittadini / unitajiet domestiċi taħt is-soll tal-faqar / numru ta' ċittadini / unitajiet domestiċi	Perċentwal tal-popolazzjoni / unitajiet domestiċi lokali li jsofru minn faqar, persuni / unitajiet domestiċi u familji taħt il-limitu tad-dħul meta jitqies id-daqs tal-familja	[%]	
	Rata ta' persuni f'riskju ta' faqar	Persuni / unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni). Ir-rata ta' dawk f'riskju ta' faqar hija s-sehem ta' persuni bi dħul disponibbli ekwalizzat (wara t-trasferiment soċjali) li huma taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, li huwa stabbilit għal 60 % tad-dħul disponibbli ekwalizzat medjan nazzjonali wara t-trasferimenti soċjali.	[%]	
	Ċittadini / unitajiet domestiċi b'għajjnuna soċjali	Numru ta' ċittadini / unitajiet domestiċi li jirċievu assistenza finanzjarja minn istituzzjonijiet amministrattivi	[%]	
	Il-flus li jintefqu biex isostnu l-unitajiet domestiċi jew persuni enerġetikament foqra / relatati mal-PDG lokali	Perċentwal ta' fondi pubbliċi li jintefqu fi programmi ta' appoġġ mill-PDG lokali totali	[%]	
	Unitajiet domestiċi / persuni enerġetikament foqra mogħtija appoġġ / unitajiet domestiċi enerġetikament foqra totali li jitolbu għal appoġġ	Perċentwal ta' unitajiet domestiċi / persuni enerġetikament foqra li jibbenefikaw minn xi tip ta' programm ta' appoġġ min-numru totali ta' unitajiet domestiċi li jitolbu għal appoġġ	[%]	
	Unitajiet domestiċi / persuni enerġetikament foqra mogħtija appoġġ / unitajiet domestiċi enerġetikament foqra totali misjuba	Perċentwal ta' unitajiet domestiċi / persuni enerġetikament foqra li jibbenefikaw minn xi tip ta' programm ta' appoġġ min-numru totali ta' unitajiet domestiċi enerġetikament foqra	[%]	
	Rata ta' qgħad	Ir-rata ta' qgħad hija kejl tal-prevalenza tal-qgħad u hija kkalkulata bħala perċentwal billi n-numru ta' individwi diżokkupati jiġi diviż bl-individwi kollha attwalment fil-forza tax-xogħol	[%]	
	Persuni taħt it-12-il sena	Persuni taħt it-12-il sena / popolazzjoni totali	[%]	
	Persuni ikbar minn 65 sena	Persuni ikbar minn 65 sena / popolazzjoni totali	[%]	
	Persuni bi problemi respiratorji u taċ-ċirkolazzjoni	Persuni bi problemi respiratorji u taċ-ċirkolazzjoni / popolazzjoni totali	[%]	
	Persuni b'livell ta' edukazzjoni taħt l-iskola sekondarja tal-ewwel livell	B'kont meħud tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED mill-Unesco), livell ta' edukazzjoni baxx jirreferi għal livell ta' edukazzjoni taħt l-iskola sekondarja tal-ewwel livell	[%]	
	<b>Qafas ta' politika u regolatorju</b>	Eżistenza ta' strateġija għall-faqar enerġetiku	Tweġiba ta' iva jew le għall-mistoqsija: "Hemm strateġija għall-faqar enerġetiku"?	Iva / Le
		Regolament eżistenti dwar il-kera	Tweġiba ta' iva jew le għall-mistoqsija: "Hemm regolament dwar il-kera"?	Iva / Le
		Miżuri speċifiċi relatati mal-faqar enerġetiku	Tweġiba ta' iva jew le għall-mistoqsija: "Hemm miżuri speċifiċi relatati mal-faqar enerġetiku"?	Iva / Le

	Inċentivi eżistenti għal programmi għas-sidien tal-kera	Tweġiba ta' iva jew le għall-mistoqsija: "hemm inċentivi / programmi għas-sidien tal-kera"?	Iva / Le
<b>Parteċipazzjoni / sensibilizzazzjoni</b>	Kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn unitajiet domestiċi vulnerabbli	Il-prevenzjoni ta' żidiet fil-kera minħabba modifiki retroattivi enerġetiċi, l-ibbilanċjar tal-PRS bl-interessi fis-sjeda tad-djar u l-akkomodazzjoni soċjali	Iva / Le
	Involviment u kooperazzjoni mal-partijiet interessati lokali dwar il-faqar enerġetiku	Tweġiba ta' iva jew le għall-mistoqsija: "hemm involviment u kooperazzjoni mal-partijiet interessati lokali għat-tnaqqis fil-faqar enerġetiku"?	Iva / Le



Parti ta':



Ippublikat mill-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki – Ewropa f'Mejju 2022



© **Unjoni Ewropea, 2022**

L-Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki – Ewropa huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni ma tinvolvix il-Kummissjoni Ewropew f'responsabbiltà ta' kwalunkwe tip.